II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/1241

tal-10 ta' Lulju 2017

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(2) Jenħtieġ li persuna waħda ma tibqax tinżamm fuq il-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 ('il-lista').

(3) Jenħtieġ li tiżdied entità waħda mal-lista ta' entitajiet fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(4) Jenħtieġ ukoll li tiġi aġġornata l-informazzjoni relatata ma' persuna waħda li tinsab fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

M. MAASIKAS

ANNESS

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif ġej:

1. Fil-Parti A ("Persuni"), l-elenkar tal-persuna li ġejja u l-entrata relatata huma mħassra:

"202. Ahmad Barqawi (magħruf ukoll bħala Ahmed Barqawi)".

2. Fil-Parti A ("Persuni"), l-entrata li tikkonċerna l-persuna elenkata hawn taħt hija sostitwita b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"203.	George Haswani (magħruf ukoll bħala Heswani; Hasawani; Al Hasawani)	Indirizz: Damascus Province, Yabroud, Al Jalaa St, Syria	Negozjant prominenti li jopera fis-Sirja, b'interessi u/jew attivitajiet fis-setturi tal-inġinerija, tal-bini u taż-żejt u l-gass. Għandu interessi fi u/jew għandu influwenza sinifikanti f'għadd ta' kumpaniji u entitajiet fis-Sirja, b'mod partikolari HESCO Engineering and Construction Company, kumpanija ewlenija tal-inġinerija u tal-bini.	7.3.2015"

3. Fil-Parti B ("Entitajiet"), tiddaħħal l-entrata għall-entità li ġejja:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"71	Abdulkarim Group (magħruf ukoll bħala Al Karim for Trade and Industry/Al Karim Group)	5797 Damascus Syria	Abdulkarim Group huwa konglomerat Sirjan rikonoxxut internazzjonalment li huwa assoċjat ma' Wael Abdulkarim, li huwa elenkat bħala negozjant prominenti li jopera fis-Sirja.	11.7.2017"